

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1211**tal-20 ta' Lulju 2015****li tistabbilixxi l-pożizzjoni li se tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Każakistan mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Jannar 1996, il-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan applika għall-adeżjoni mal-Ftehim ta' Marrakexx li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim ta' Marrakexx"), b'konformità mal-Artikolu XII ta' dan il-Ftehim.
- (2) Fis-6 ta' Frar 1996 ġie stabbilit grupp ta' Ħidma dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Każakistan sabiex jintlaħaq ftehim dwar it-termini ta' adeżjoni aċċettabbli għar-Repubblika tal-Każakistan u l-Membri kollha tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).
- (3) Il-Kummissjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, innegożjat sensiela komprensiva ta' impenji għall-ftuħ tas-suq min-naħa tar-Repubblika tal-Każakistan li jissodisfaw it-talbiet tal-Unjoni dwar tariffi, dażji fuq l-esportazzjoni u dwar kummerċ fis-servizzi.
- (4) Dawk l-impenji huma issa inkorporati fil-Protokoll ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Każakistan mad-WTO ("il-Protokoll tal-Adeżjoni").
- (5) L-adeżjoni mad-WTO hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv u dejjiemi għall-proċess ta' riforma ekonomika u għall-iżvilupp sostenibbli fir-Repubblika tal-Każakistan.
- (6) Il-Protokoll ta' Adeżjoni għandu għalhekk jiġi approvat.
- (7) L-Artikolu XII tal-Ftehim ta' Marakexx jiddisponi li għandu jintlaħaq ftehim dwar it-termini bejn l-Istat aderenti u d-WTO, u li l-Konferenza Ministerjali tad-WTO tapprova t-termini tal-adeżjoni min-naħa tad-WTO. L-Artikolu IV.2 ta' dak il-Ftehim li jipprevedi li matul l-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha għandhom jitwettqu mill-Kunsill Ġenerali tad-WTO.
- (8) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li se tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Każakistan mad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li se tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Każakistan mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, hija li tapprova l-adeżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI
